



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2013/2006(INI)

20.6.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà
(2013/2006(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marielle de Sarnez

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota d-deterjorament tal-industrija Ewropea li, speċjalment minħabba l-iżvilupp tax-xenarju industrijali dinji, tilfet 3 miljun impjieg u 10 % tal-produzzjoni tagħha sa mill-2008, għad li hija wieħed mill-ixpruni ewlenin tat-tkabbir fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta, mingħajr dewmien, strateġija komuni sostenibbli u fit-tul imsejsa fuq il-promozzjoni, il-valorizzazzjoni u l-attrazzjoni tal-industrija Ewropea u appoġġata minn strumenti konkreti, bil-għan li l-kompetittività tagħha tiġi ppreservata fil-livell dinji; ifakkar li l-politika kummerċjali komuni hija ta' importanza kruċjali għall-industrija;
2. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tat sinjal politiku qawwi meta talbet li s-sehem tas-settur industrijali fil-PDG jogħla għal 20 % minn hawn u l-2020; jenfasizza, madankollu, li dan l-objettiv jista' jitqies realistiku biss jekk miegħu jittieħdu miżuri korrispondenti;
3. Jitlob lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenn tagħha li tipproduċi indikaturi li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-proċess ta' riindustrijalizzazzjoni; jenfasizza li dawn l-indikaturi għandhom mhux biss ikunu kwantitattivi iżda wkoll kwalitattivi, sabiex jiġi żgurat li dan il-proċess ikun sostenibbli u kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent;
4. Jiddeplora l-fatt li għad hemm nuqqas ta' politika industrijali integrata fi ħdan il-Kummissjoni u n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni tal-politika industrijali tal-Unjoni ma' dik tal-Istati Membri;
5. Jitlob li l-politika industrijali Ewropea tappoġġa dawk is-setturi li jippromwovu t-tkabbir u l-valur miżjud fejn l-Ewropa diġà hija minn ta' quddiem jew għandha l-potenzjal li tkun minn ta' quddiem, u li tiżgura li s-setturi bħall-industrija aerospazjali, dik tal-kimika, l-industrija tal-karozzi, l-industrija agroalimentari, dik tal-ħwejjeġ u t-tessuti, u dik tal-inġinerija mekkanika jibqgħu kompetittivi; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-Istati Membri u lis-sħab privati biex jikkordinaw aħjar bejniethom ħalli jaċċeleraw l-investimenti fl-infrastrutturi kbar tat-trasport u tal-mobbiltà sostenibbli, tal-enerġija rinnovabbli u tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll fil-prodotti manifatturati ekoloġiċi avvanzati bħall-vetturi u l-bastimenti ekoloġiċi, jew it-teknoloġiji li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-proċess ta' produzzjoni, u biex jiżviluppaw strumenti finanzjarji innovattivi; ifakkar fl-importanza tal-promozzjoni tal-użu ta' riżorsi lokali sabiex riindustrijalizzazzjoni ġenwina ġgħib magħha benefiċċji u toħloq impjiegi;
6. Jinsisti fuq in-neċessità li l-politika industrijali Ewropea tibbaża ruħha fuq strateġija Ewropea kkoordinata bejn l-Istati Membri sabiex tiżdied l-integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija, jiġu żviluppanti l-infrastrutturi tal-enerġija Ewropej u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija Ewropea kif ukoll id-dipendenza tal-Unjoni fir-rigward tal-fornituri tal-enerġija minn pajjiżi terzi;

7. Jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-kompetittività tal-impriżi Ewropej fis-swieq dinjin; jitlob bil-ħerqa lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex iżidu l-fondi allokatati għar-riċerka u l-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni thegġegħ l-iżvilupp ta' setturi industrijali bbażati fuq it-teknoloġiji l-ġodda, li joħolqu prodotti b'valur miżjud qawwi u li jagħmlu użu meqjus mir-riżorsi enerġetiċi, sabiex l-isfidi marbuta mat-tibdil fil-klima jkunu jistgħu jiġu indirizzati aħjar; jitlob li jithegġegħ l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda, bħall-enerġiji rinnovabbli u s-setturi kreattivi, fejn l-Ewropa għandha vantaġġ teknoloġiku; jinsisti fuq in-neċessità għall-impriżi Ewropej li jipprevedu aħjar il-bżonnijiet tas-swieq terzi sabiex jissodisfaw id-domanda internazzjonali;
8. Jenfasizza li d-disponibbiltà tal-materja prima hija ta' importanza fundamentali għall-possibbiltajiet ta' żvilupp tal-industrija Ewropea u jwissi li, mingħajr ċerta materja prima importanti, il-biċċa l-kbira tal-industriji strateġiċi Ewropej (nukleari, spazjali, aeronawtika, tal-mediċina, tal-informatika, tal-materjali ġodda, tat-tagħmir militari, eċċ.) mhux se jkunu jistgħu jiżviluppaw;
9. Jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istrateġija tagħha għad-difiża tal-interessi tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista ta' materja prima fil-kuntast tal-ftehimiet kummerċjali (l-FTAs, l-EPAs, eċċ.); iqis li din l-istrateġija għandha twaqqaf ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-esportazzjoni minn ċerti Stati u tippermetti forniment adegwat ta' materja prima permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ġusti u sħubijiet strateġiċi;
10. Jilqa' d-dħul fis-seħħ li jmiss tal-privattiva Ewropea, li se tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali tal-impriżi Ewropej, filwaqt li se tnaqqas il-formalitajiet neċessarji għall-inseriment tagħhom fi swieq ġodda; jilqa' l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni f'Marzu 2013 intiża sabiex l-SMEs ikunu aktar kompetittivi fix-xena internazzjonali permezz tas-semplifikazzjoni tas-sistema ta' reġistrazzjoni tat-trademarks barra mill-Ewropa;
11. Jitlob li l-Unjoni Ewropea tadotta politiki ta' mobbiltà u ta' taħriġ professjonali fis-suq Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam tal-lingwi u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, sabiex ittejjeb il-kompetittività u l-kompetenzi tal-ħaddiema tal-industrija Ewropea;
12. Jinsisti fuq l-importanza ta' qafas ġuridiku ċar u stabbli biex jiġu promossi l-investimenti fl-industrija; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs Ewropej, li huma atturi ewlenin fil-politika industrijali tal-ġejjieni, u biex itejbu l-aċċess tagħhom għall-fondi billi jippermettulhom jinvestu u jinnovaw; ifakkar fir-rwol fundamentali tas-swieq pubbliċi fl-appoġġ għall-iżvilupp u t-tkabbir tal-SMEs; jitlob li jiġi stabbilit punt ta' kuntatt waħdieni għall-SMEs għall-kwistjonijiet relatati mas-suq intern u mas-swieq esterni; ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġa l-valorizzazzjoni finanzjarja u teknoloġika tal-privattivi;
13. Iqis bħala fundamentali li l-aċċess tal-SMEs għall-proċeduri tal-antidumping isir aktar faċli, aktar rapidu u anqas oneruż, sabiex ikunu mħarsa aħjar mill-prattiki kummerċjali żleali min-naħa tas-sħab kummerċjali; jistieden lill-Unjoni Ewropea tqis dan il-punt għar-riforma tal-istrumenti ta' difiża kummerċjali;

14. Jipproponi li jinħoloq netwerk li jgħaqquad lill-SMEs u lill-impriżi l-kbar Ewropej sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien espert u mill-kapaċità ta' esportazzjoni u ta' innovazzjoni tal-impriżi l-kbar; jitlob bil-ħerqa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ihegħgu l-iżvilupp u jiffaċilitaw il-finanzjament ta' sħubijiet bejn l-SMEs, l-universitajiet u r-riċerkaturi sabiex jiġu żviluppanti teknoloġiji ġodda;
15. Jenfasizza l-importanza tal-pożizzjoni li għandha l-Ewropa fil-qasam tal-kompetizzjoni internazzjonali sabiex ir-riindustrializzazzjoni tagħha tkun ta' suċċess; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni toqgħod attenta li, fil-proposti leġiżlattivi futuri kollha, tqis is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni internazzjonali tas-setturi kkonċernati u ma tnaqqasx il-kompetittività tagħhom sabiex l-industrija Ewropea tkun tista' tafferma ruħha fil-livell tal-kompetizzjoni globali;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tqiegħed il-politika kummerċjali u l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għas-servizz tal-politika industrijali Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tiffavorixxi konverġenza akbar bejn l-Istati Membri fil-qasam fiskali, soċjali u baġitarju biex jiġi ffaċilitat it-tfaċċar ta' proġetti industrijali komuni; jesprimi x-xewqa li l-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet ta' impatt globali, ex ante u ex post, dwar l-effetti tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, konklużi jew fil-proċess ta' negozjar, fuq il-politika industrijali Ewropea, u li tanalizza, matul l-implimentazzjoni kollha tagħhom, il-konsistenza tagħhom fir-rigward tal-oġġettivi Ewropej ta' industrializzazzjoni;
17. Iqis li d-Direttiva Ewropea dwar l-offerti ta' xiri trid tiġi riveduta biex tagħti lill-Ewropa l-mezzi biex topponi proġetti li jistgħu jirriżultaw ta' ħsara għall-istruttura industrijali u kummerċjali tagħha; jikkunsidra li l-Unjoni trid tkun kapaċi topponi l-offerti ta' xiri minn kumpaniji li mhumiex soċjalment responsabbli u/jew li ma jirrispettawx ir-rekwiżiti ta' governanza tajba, kif ukoll l-offerti ta' xiri f'setturi meqjusa strateġiċi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;
18. Iqis li l-politika industrijali Ewropea għandha tiffavorixxi l-ħolqien ta' gruppi industrijali Ewropej fuq skala dinjija fl-oqsma li fihom l-industrija Ewropea hija attwalment minn ta' quddiem u f'dawk li se tiddeċiedi li tinvesti fihom fil-futur;
19. Ifakkar li l-istandards u r-regoli tekniċi jiżvolġu rwol fundamentali sabiex jiggarantixxu l-pożizzjoni predominanti tal-Unjoni Ewropea fl-aktar setturi innovattivi, inklużi t-teknoloġiji ekoloġiċi; ihegħgēg, għalhekk, lill-Kummissjoni ttejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi prinċipali, b'mod partikolari l-pajjiżi emerġenti, sabiex jiġu stabbiliti standards tekniċi komuni, filwaqt li jiġu rispettati l-preferenzi soċjetali differenti assoċjati ma' dawn l-istandards;
20. Ihegħgēg lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-aċċess tal-impriżi Ewropej għas-swieq internazzjonali; iqis bħala fundamentali li tiġi stabbilita r-riċiproċità fil-qasam tar-relazzjonijiet kummerċjali, u b'mod partikolari fil-qasam tal-aċċess għall-appalti pubbliċi, li jiġu protetti d-drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-impriżi Ewropej u li tissaħħaħ l-effikaċja tal-istrumenti ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni u l-konsistenza tagħhom mal-istrateġiji tal-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ u tar-riindustrializzazzjoni;
21. Iqis li huwa essenzjali li l-Unjoni tattrezza ruħha bi strumenti li jippermettulha:

- issegwi politika aktar attiva ta' antidumping u tirreaġixxi, fost l-oħrajn, għall-finanzjament abbużiv tal-esportazzjoni pprattikat minn ċerti pajjiżi terzi,
 - issegwi politika ġenwina fir-rigward tar-rata tal-kambju li tħares l-interessi kummerċjali Ewropej,
 - tiżgura l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "kummerċ ġust", li huwa bbażat fuq ir-rispett reċiproku ta' standards soċjali, ambjentali u kulturali, jew ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-kummerċ internazzjonali;
22. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni biex timmodernizza l-istrumenti ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni Ewropea, elementi kruċjali tal-politika industrijali; jesprimi x-xewqa li din il-modernizzazzjoni tkun tista' ttejjeb l-effikaċja tagħhom; għal dan il-għan, jitlob lill-Kummissjoni ma ddgħajjifx dawn l-istrumenti, la de jure u lanqas de facto, iżda għall-kuntrarju ssaħħaħhom sabiex tippoteġi l-impriżi Ewropej b'mod aktar effikaċi u f'limiti ta' żmien iqsar, irrispettivament mid-daqs tagħhom, kontra Prattiki kummerċjali illegali jew żleali;
23. Ifakkar fil-ħtieġa li, meta dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, jintużaw l-istrumenti ta' difiża għall-kummerċ kontra pajjiżi li ma jirrispettawx ir-regoli tal-kummerċ internazzjonali jew il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Unjoni;
24. Jilqa' l-proposta għal regolament dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u r-rispett tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali; iqis li rispons aħjar għall-applikazzjoni tad-drittijiet tagħna jista' jagħtina lura l-kredibbiltà tagħna u jerġa jibbilanċja r-relazzjonijiet kummerċjali tagħna;
25. Jiddeplora l-protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fit-territorju ta' ċerti sħab kummerċjali u jiddispijaċi għan-nuqqas ta' mezzi konkreti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-impriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, sabiex jiġġieldu kontra l-ksur ta' dawn id-drittijiet b'mod effikaċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu aktar kooperazzjoni doganali fl-Unjoni u mal-pajjiżi terzi fis-sekwestru ta' merkanzija ffalsifikata u jissemplifikaw il-proċeduri doganali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet li jolqtu lid-drittijiet tal-awtur u l-ġħoti ta' liċenzji;
26. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-livell baxx tas-salarji u tal-protezzjoni tal-ambjent għadu element importanti ħafna tal-kompetizzjoni internazzjonali u li hemm bżonn urġenti li dawn l-istandards ikomplu jiġu allinjati 'l fuq sabiex ikun hemm verament riindustrijalizzazzjoni fl-Unjoni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tinnegozja impenji vinkolanti fil-qasam tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-protezzjoni tal-ambjent fl-FTAs mal-pajjiżi terzi; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa sistemi obligatorji ta' traċċabbiltà ta' prodotti li jippruvaw il-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-protezzjoni tal-ambjent;
27. Jappella lill-Unjoni Ewropea sabiex tivvalorizza l-produzzjoni industrijali tagħha billi tipprovdi informazzjoni aktar preċiża lill-konsumaturi tagħha, billi timponi l-ispeċifikazzjoni tal-provenjenza tal-prodotti tal-Unjoni u ta' prodotti importati minn pajjiżi terzi u billi tiżgura r-rispett tal-indikazzjonijiet ġeografiki tal-prodotti tal-ikel Ewropej fil-pajjiżi terzi;

28. Jitlob li l-prodotti kollha importati minn pajjiżi terzi jirrispettaw l-istandards ambjentali, sanitarji u soċjali applikati mill-Unjoni u difiżi fis-suq dinji sabiex il-produtturi industrijali Ewropej ikunu mħarsa mill-kompetizzjoni żleali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.6.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 2 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, David Campbell Bannerman, María Auxiliadora Correa Zamora, Marielle de Sarnez, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Henri Weber, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Catherine Bearder, Albert Deß, Elisabeth Köstinger, Miloslav Ransdorf, Peter Skinner, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Salvador Garriga Polledo, Paul Rübig